MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 729/2013

**Dr. Michelle Tabone [K.I. numru 13871] (M) fil-kwalita taghha ta' Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof bhala Amministratur tal-beni Ekklezjastici Djocesani kollha ta' Malta ghan-nom u fl-interess ta' Dar Pirotta**

**Vs**

**Susan CACCIATOLO [K.I. numru 411269(M)]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fis-7 ta' Novembru, 2013** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallsha s-somma ta' elfejn u hames mitt euro [€2,500] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi, l-konvenuta tinsab debitrici ta' l-attrici nomine fis-somma ta' elfejn u hames mitt euro (€2,500.00), somma mislufa brevi manu lill-koncedenti mill-attrici, flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-30 ta' Gunju, 2012 sal-jum tal-pagament effettiv.

Illi, interpellata sabiex thallas id-dejn fuq imsemmi, permezz ta' ittra interpellatorja li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok A, il-konvenuta baqghet inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din it-talba.

Illi, l-attrici nomine qed tipprezenta wkoll Affidavit skont il-ligi hawn anness u market Dok. B".

Ra li l-intimata, minkejja gie debitament notifikat bit-talba u l-avviz tas-smiegh fid-9 ta' Jannar, 2014 baqghet ma pprezentat l-ebda risposta.

Ra d-dikjarazzjoni li ghamlet l-intimata quddiem it-Tribunal fis-seduta tal-lum stess fejn hija kkonfermat li ghandha taghti lir-rikorrenti nomine l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti nomine qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimata tas-somma ta' elfejn u hames mitt euro [€2,500] somma mislufa lill-intimata brevi manu flimkien ma l-imghaxijiet ulterjuri mit-30 ta' Gunju, 2012 sal-jum tal-pagament effettiv.

Ikkunsidra;

2. L-intimata llum stess ikkonfermat bil-gurament taghha li hija ghandha taghti s-somma ta' elfejn u hames mitt euro [€2,500].

Ikkunsidra ulterjorment;

3. In vista ta' din l-ammissjoni ta' l-intimata, it-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jiddikjara li l-ammont reklamat mir-rikorrenti nomine ta' elfejn u hames mitt euro flimkien ma l-imghaxijiet mit-30 ta' Gunju, 2012 sad-data tal-pagament effettiv huwa dovut mill-intimata.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tar-rikorrenti nomine kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrenti nomine s-somma ta' elfejn u hames mitt euro flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-30 ta' Gunju, 2012 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez huma kollha a kariku tal-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------